# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1156

Kaz Nru 1350

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Neville Zammit

u

Michele Peresso Ltd.

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

14 ta' Novembru, 2000

**Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., C.I.P.D. (U.K.).**

INTRODUZZJONI

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 17ta' Gunju, 1999 Ref. MSP/TI/51/99 biex tigi processata skond il-Provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-sur Neville Zammit li minn issa jidher bhala l-appellant kien assistit mill-avukat Francesco Depasquale u ghall-Kumpanija Michele Peresso Ltd. deheru s-sur Joseph Attard u l-avukat Pierre Lofaro.

DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAZ

L-appellant beda jahdem mas-socjeta Michele Peresso Ltd., fis-27 ta' Novembru, 1995 bhala Medical Representative u x-xoghol kien jikkonsisti fost affarijiet ohra l-bejgh ta' diversi prodotti medicinali. Fl'istqarrija tal-kaz tieghu, huwa jghid li kellu xoghol impenjattiv u kien sejjer tajjeb hafna fix-xoghol tieghu fejn mhux biss kien jigi mfahhar mid-diretturi, izda wkoll kien inghata zieda sostanzjali fis-salarju tieghu izda, huwa jkompli jghid li l-problemi bdew meta gie llimitat li jbieh prodotti ta' ditta wahda liema ditta kienet diga qed turi illi l-bejgh taghha kien difficili.

Fl-istqarrija tal-kaz tieghu l-appellant ikompli jghid, li qabel ma gie tterminat l-impieg tieghu b'effett mill-25 ta' Mejju 1999 huwa kien gie mwissi formalment mill-Management tal-Kumpanija darbtejn ohra liema twissijiet huwa kkontesta; fl-ewwel kas ghax ma dahalax ghax-xoghol fil-gurnata li kien mistenni jidhol u jghid li ma setax jaghmlu ghax kien imsiefer u ma kienx possibbli li jibdel d-dati ta' l-ajru ghax ma sabx flight vojta lura lejn Malta u fit-tieni kaz kien rigward il-performance tieghu dwar il-bejgh tal-prodotti li kif diga huwa spjega hawn fuq beda jirrizulta li l-bejgh tieghu kien difficli

li jsir. Huwa jkompli jghid li l-kaz inkwistjoni li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kien dak meta f'Marzu 1999 huwa kien ha leave biex isiefer u meta wasal lura Malta sab illi l-van tax-xoghol li ma kienx irritorna fil-garage tal-Kumpanija u li kien hallih barra d-dar tieghu ma kienx hemm ghax kien ittiehed lura mill-Kumpanija u wara kien ircieva struzzjonijiet sabiex il-karozza li kienet parti mir-remunerazzjoni tieghu tibqa fil-garage tal-Kumpanija matul il-hin tal-break u wara l-hin tax-xoghol tieghu. Huwa jghid wkoll, li apparti din il-kundizzjoni kienu sarulu wkoll diversi kondizzjonijiet ohra intizi sabiex idejjquh sakemm l-impieg tieghu gie itterminat b'effett mill-25 ta' Mejju 1999.

Is-socjeta' ntimata, da parti taghha qalet li l-appellant gie tterminat l-impieg tieghu ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi u dana wara diversi nuqqasijiet li wera l-appellant fil-qadi ta' dmirijietu. Fl'istqarrija tal-kaz taghha l-kumpanija tghid, li ghal xi zmien beda jigi nnutat li l-appellant ma kienx qed jaqdi d-doveri tieghu fejn bhala rapprezentant ix-xoghol tieghu kien jirrikjedi li jitkellem personalment mat-tobba, izda beda jirrizulta li f'hafna kazijiet hu kien sempliciment ihalli kampjuni lit-tobba u jitlaq il-barra. Hija tkompli tghid, li qabel ma gie tterminat l-impieg tieghu kien gie moghti zewg twissijiet; wiehed ghax ma dahalx ghax-xoghol bla ma kellu permess u iehor fuq il-performance tieghu. Il-kaz li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu sehh meta kien gie moghti permess ghal leave ta' vakanza li kellu jibda s-Sibt 13 ta' Marzu, 1999. Is-Socjeta' intimata' tkompli tghid, li l-appellant ma segwix struzzjonijiet bil-miktub mill-kumpanija li kienu, li meta johrog bil-leave ghal aktar minn gurnata huwa kellu jirritorna l-karozza

biex tinzamm fil-garaxx tal-kumpanija u jerga' jehodha lura meta jidhol ghax-xoghol. L-istruzzjoni l-ohra kienet li hu kien responsabbli ghal manutenzjoni tal-karozza waqt li l-karozza tkun fir-responsabilita tieghu. Ghaldaqstant, hu kien dovut li jirritorna l-karozza gurnata qabel ma johrog bil-leave. Izda, l'appellant dan ma ghamlux u meta l-kumpanija cemplitlu d-dar biex tfakkru hu ma kienx hemm u thalliet risposta. L-ghada fit-12 ta' Marzu 1999, meta hu suppost li kien ghadu xoghol marru nies mill-kumpanija jfittxuh id-dar izda, hu ma kienx hemm u l-karozza kienet wara l-bieb fejn ittiehdet lejn il-garaxx tal-kumpanija. Wara li saret spezzjoni mit-teknici tal-kumpanija instab li kienet fi stat hazin ta' manutenzjoni u kellha xi hsarat. Il-Kumpanija tkompli tghid, li wiehed kien jistenna li la darba l-karozza kienet ittiehed qabel ma l-appellant beda l-leave, l-appellant kellu jirraporta li l-karozza ma kinitx wara l-bieb tad-dar tieghu u in vizta ta' dan jidher li l-appellant assenta ruhu mix-xoghol fil-gurnata ta' qabel ma beda l-leave.

Is-Socjeta intimata tkompli tghid, li meta l-appellant irritorna ghax-xoghol meta spiccalu l-leave huwa gie mistoqsi biex jaghti spjegazzjoni dwar il-gurnata ta' 12 ta' Marzu 1999, meta suppost kien xoghol u ma dahalx ghax-xoghol. Ghal dan l-appellant wiegeb, li kien id-dar ma jiflahx u ma kienx f'pozizzjoni li jirrispondi la t-telefon u lanqas il-bieb. Il-Kumpanija tkompli tghid, li peress li l-Human Resources Manager ghaddielu hsieb li l-appellant seta' siefer qabel ma bdielu l-leave huwa talbu biex jurieh il-passaport biex jivverifika meta siefer. Izda, l'appellant irrezista din it-talba, u l-ewwel qal li kellu parir legali biex ma jaghmilx dan, imbaghad staqsa lill Human Resources Manager kienx lest li jinsa kollox jekk hu jurieh il-passaport. Fil-fatt aktar tard l-appellant pproduca passaport

li ma kienx Malti, kien skadut, u bla ebda sinjal ta' safar recenti. Aktar tard, l-appellant stqarr li hu kien mar Ghawdex li xorta hallietlu bl'obbligi li ma jmurx hemm qabel ma jkun bil-leave kif ukoll li jekk veru l-gurnata ta' qabel ma beda l'leave kien marid hu kien obbligat li jinforma lill-kumpanija. Ma dan, hu naqas li jirritorna l-karozza fil-garaxx tal-Kumpanija. In vista ta' dan il-Kumpanija hargitlu att ta' akkuza fis-6 ta' April 1999 u gie moghti hames t'ijiem zmien biex jirrispondi ghaliha. Imma l-appellant ma ghamel xejn u anke wara li ghadda z-zmien preskritt il-Human Resources Manager staqsieh ghar-risposta tieghu u qallu li xorta kienet tigi kkunsidrata minkejja li ghaddew il-hames t'jiem. Izda l-appellant irrisponda, li dak li kellu x'ghid diga kien qalu. Konsegwentament, il-Kumpanija itterminat l-impjieg tieghu b'effett mill-25 ta' Mejju, 1999.

PROVI

Quddiem it-Tribunal Industrijali gie stabilit li l-kaz li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg kien dak li l'appellant naqas li jattendi ghax-xoghol qabel ma hareg bil-leave fit-13 ta' Marzu, 1999 kif ukoll li naqas li jirritorna il-karozza fil-garage tal-kumpanija kif kellu struzzjonijiet li jaghmel u ma dan li l-istess karozza kienet fi stat ta' manutenzjoni hazin liema responsabilta' kienet ta' l-appellant li jzomm il-karozza fi stat ta' manutenzjoni tajjeb.

Matul is-seduti, it-Tribunal Industrijali ezamina diversi xhieda u dokumenti esebiti fejn

mix-xhieda ta' Mario Calleja mpjegat fil-grad ta' maintenance fuq xoghol ta' vannijiet gie stabilit li kien hu flimkien ma haddiehor li marru jgibu l-van minn tas-Sliema fejn kienet ir-residenza ta' l-appellant. Huwa jkompli jghid, li l-van ma kienx fi stat tajjeb fejn sabuh; bla zejt, fanal u bumper imkisser, belows tal-half shafts imkisser u daqqiet ta' pum tal-bieba ta' kontra x-xufier ma' dan il-van kellu erba heaters maqtughin li huma heaters tal-magna peress li kienet diesel u ikun irid jaghtiha xi hames jew sitt sekondi heater biex tistarja u li dawn ma kienux gew irrapurtati lilu (Calleja) kif suppost l-appellant kellu jaghmel.

Rigward fejn il-Kumpanija allegat li l-appellant kien assenti fil-gurnata ta' qabel li hu beda l-leave fit-13 ta' Marzu 1999, l'appellant bil-gurament jghid " yes, that I was told that I have taken the Friday off. I have taken one day leave before, but I was actually ill at that stage, and I have a certificate from the dentist, I had a very bad apses. I was not in a position to contact the office, I was not actually home at that stage and I left the van on a Thursday itself. I was taken by a family member and I was not actually back at home. This is why I was not able to contact the office so I was not able to contact the office or the company doctor to have a proper procedure done. So because of that one day off, because of the Friday off, this was one of the reasons why it was issued to me".

Matul is-seduti tat-Tribunal Industrijali, l-appellant gie mitlub biex jipproduci l-passaport tieghu biex jigi stabilit meta siefer minn Malta u li fit-12 ta' Marzu 1999, meta naqas li jattendi ghax-xoghol ma kienx imsiefer izda kien Malta. L-appellant fix-xhieda tieghu

wiegeb li ma kienx possibbli li jipproduci l-passaport ghax dan kien tilfu. In vista ta' dan, it-Tribunal Industrijali accetta li jigu mharrka bhala xhieda ufficjali tal-passaporti sabiex jigi stabilit jekk l-appellant kienx Malta jew barra minn Malta fit-12 ta' Marzu, 1999. Konsegwentament, l-appellant permezz ta' ittra datata 6 ta' Gunju, 2000 indirizzata lit-Tribunal Industrijali iddikjara, "I Neville Zammit do hereby concede that I was absent without leave on the 12th March, 1999 as per the last sentence of paragraph one of the official warning dated the 6th April 1999." Kif ukoll li fis-seduta ta' 28 ta' Gunju 2000 gie iddikjarat li "attwalment l-appellant kien siefer minn Malta fit-12 ta' Marzu, 1999 fil-ghodu u rritorna Malta il-Hadd il-gurnata qabel dahal ghax-xoghol".

KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal Industrijali josserva li kien nuqqas serju ta' l-appellant li ma zammx il-karozza li kienet taht ir-responsabilita' tieghu fi stat ta' manutenzjoni tajjeb u dan specjalment meta din ma kienitx ghal uzu personali tieghu izda bhala mezz ta' trasport biex jaqdi d-doveri u d-dmirijiet tieghu bl-aktar mod efficjenti. Dan hu nuqqas serju ghar-raguni li bhala Medical Representative li ghandu dmirijiet li jmur minn post ghall-iehor, il-mezz ta' trasport hu ghodda daqs ghodda ohra li jista' jippossedi haddiem tas-sengha fil-qaghdi ta' dmirijietu.

It-Tribunal Industrijali josserva wkoll l-inkonsistenza ta' l-appellant fix-xhieda tieghu sakemm gie ppruvat li fit-12 ta' Marzu 1999 meta naqas li jattendi ghax-xoghol mhux

biss ma kienx marid kif xehed bil-gurament, izda kien f'sahhtu bizzejjed li siefer barra l-pajjiz.

DECIZJONI

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-iStatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotta, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, it-Tribunal Industrijali jiddikjara li kien hemm ragunijiet validi ghat-tkeccija tas-Sur Neville Zammit minn mal-Kumpanija Michele Peresso Limited.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz legali Numru 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Harold Walls
Chairman

Edwin Spiteri
A/Segretarju